**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D.**

**Kawza Nru: 6/2017**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Gabriel Micallef)**

**vs**

**Michael Portelli**
**(ID 252483(M))**

**Illum, 21 ta' Lulju 2017**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat Michael Portelli ta' 34 sena, bin Mario u Maria Dolores nee` Grima, imwieled il-Pieta` nhar is-27 ta' April 1983, minghajr residenza, detentur tal-karta tal-identita` Maltija numru 252483(M);

Akkuzat talli nhar is-6 ta' Frar 2017 u fil-jiem u xhur ta' qabel gewwa dawn il-Gzejjer[1]:

1) Kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-

[1] It-tahrika odjerna giet korretta u emendata fuq talba tal-Prosekuzzjoni, b'digriet tal-Qorti datat 17 ta' Frar 2017.

esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenza jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skont ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga instabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

2) Forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga eroina, specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta lill-persuna jew persuni jew ghall-uzu ta' persuna jew persuni minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta, minghajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) jew minn xi awtorita` moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga u minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tas-sitt taqsima tal-Ordinanza msemmija u minghajr ma kellu licenzja jew kien xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-regolament 4 tar-regolamenti tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi skur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

3) Kellu fil-pussess tieghu d-droga kokaina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skont ir-ricetta, kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), kif sussegwentement

emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta;

4) Kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta meta ma kienx fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort’ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b’xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta’ Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skont ir-ricetta, kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta;

5) Kellu fil-pussess tieghu l-pjanta *cannabis* kollha jew bicca minnha bi ksur tal-Artikolu 8(d) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta;

6) Kif ukoll talli rrenda ruhu recidiv b’sentenzi moghtija mill-Qorti ta’ Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Il-Qorti giet ukoll mitluba sabiex fil-kaz ta’ htija, barra milli tinfliggi l-piena stabbilita mil-ligi, tordna wkoll il-konfiska tal-oggetti kollha esebiti.

Il-Qorti giet mitluba wkoll sabiex f’kaz ta’ htija, barra milli tapplika l-piena skont il-ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra tal-esperti skont l-artikolu 533(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Semghet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti esebiti, inkluz l-Ordni tal-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), sabiex din il-kawza tinstema’ minn din il-Qorti bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali;

Semghet lill-imputat jirregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu, liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-istess imputat wara li l-Qorti ai termini tal-Artikolu 453(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, avzatu bil-konsegwenzi legali ta’ dik l-ammissjoni u kkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga’ jikkunsidra t-twegiba tieghu u jerga’ lura minnha.

Semghet lill-Prosekuzzjoni tirrimetti ruhha dwar il-piena li ghandha tigi nflitta u t-trattazzjoni finali tad-difiza dwar l-istess.

**Ikkunsidrat:**

Illi fid-dawl tal-ammissjoni tal-imputat ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu, il-Qorti ma tistax hlief issibu hati ta' dawn l-imputazzjonijiet.

Ghal fini ta' piena, il-Qorti kkunsidrat fl-ewwel lok l-ammissjoni bikrija tal-imputat f'dawn il-proceduri, kif ukoll illi l-imputat ikkopera bis-shih mal-pulizija waqt l-investigazzjoni taghha, u dan kif jidher ampjament mill-istqarrija rilaxxjata minnu.

Qieset ukoll min-naha l-ohra, il-fedina penali aggornata tal-imputat, liema fedina penali hija wahda refrattarja u tinkludi *inter alia* kundanni dwar pussess ta' arma tan-nar minghajr licenza, reati bi ksur tal-Kapitolu 65 u 104 tal-Ligijiet ta' Malta, serq aggravat (f'zewg okkazzjonijiet) u frodi b'eghmil qarrieqi, pussess semplici ta' droga (f'zewg okkazzjonijiet) u traffikar tad-droga eroina, flimkien mal-pussess aggravat tal-istess u pussess aggravat ta' medicina psiktropika u specifikata. Dwar dawn l-ahhar reati, l-imputat gie kkundannat ghal piena ta' erba' snin u sitt xhur prigunerija effettiva. Veru illi skont vera kopja tas-sentenza esebita mill-Prosekuzzjoni fl-ismijiet 'Il-Pulizija (Spettur Jesmond J. Borg) vs Michael Portelli', moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar id-29 ta' April 2013, mil-liema jirrizulta illi n-numru tal-karta tal-identita` tal-imputat f'dak il-kaz huwa identiku ghal dak tal-imputat odjern, il-piena appena msemmija ta' erba' snin u sitt xhur kienet tkopri wkoll sentejn prigunerija li gew rezi effettivi wara li l-imputat ikkommetta r-reati mertu ta' l-istess sentenza fil-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza, izda dan ifisser ukoll illi din m'hijiex l-ewwel darba li l-imputat qed jinstab hati ta' reati identici ghal dawk odjerni, li certament huma reati ta' natura serja.

Il-Prosekuzzjoni esebiet vera kopja tas-sentenza appena indikata ghal fini tas-sitt imputazzjoni ossia l-addebitu tar-recidiva. Jirrizulta mill-istess sentenza illi apparti l-piena ta' prigunerija effettiva, l-imputat gie kkundannat ukoll ghal piena ta' multa ta' elfejn u tliet mitt Euro (€2,300). Irid jinghad illi l-addebitu tar-recidiva ai termini tal-Artikolu 50 tal-Kap. 9 jirrizulta "*Meta persuna ikkundannata ghal delitt, taghmel delitt iehor fi zmien ghaxar snin minn dak in-nhar li tkun skontat jew tkun giet mahfura l-piena, jekk iz-zmien ta' dik il-piena kien izjed minn hames snin, jew fi zmien hames snin, fil-kazijiet l-ohra kollha …*". Issa ghalkemm id-

delitt fil-kaz odjern gie kommess fi zmien hames snin minn dakinhar li l-imputat inghata din il-piena ta' multa (permezz tas-sentenza tad-29 ta' April 2013), madankollu, ma jirrizultax mill-atti, fil-grad rikjest mil-ligi, illi sad-data tal-kaz odjern, din il-piena kienet giet skontata u cioe` giet imhallsa jew skontata wara li giet konvertita f'piena ta' prigunerija jew inkella giet mahfura ai termini tal-imsemmi Artikolu 50 u ghaldaqstant, l-imputat jista' jitqies biss bhala recidiv ai termini tal-Artikolu 49 tal-Kap. 9. Din kienet ukoll il-konkluzjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Pulizija vs Anthony Said** tal-10 ta' Lulju 2015, fejn il-Qorti qalet hekk:

"*Il-Qorti ħasbet fit-tul dwar is-sottomissjoni li l-perjodi speċifikati fl-artikolu 50 f'kull każ ma jiskattawx jekk il-persuna konċernata ma tkunx skontat il-piena għaliex dan ikun ifisser li sabiex persuna tevadi l-awment fil-piena konsegwenza ta' reċidività kull ma għandha tagħmel hu li ma tħallasx il-multa imposta jew tevadi l-inkarċerazzjoni. B'hekk jinħoloq inċentiv lill-ikkundannat sabiex jagħmel minn kollox biex jevadi s-sanzjoni tal-Qorti u b'hekk jevadi l-awment fil-piena f'każ ta' reċidiva. Dan ma jidhirx li jiffavorixxi politika penali sana. B'danakollu, id-diċitura tal-artikolu 50 ma jidhirx li jħalli alternattiva lill-Qorti ħlief li tagħti lill-kliem tal-istess artikolu t-tifsira naturali tiegħu u ċioe' li t-termini preskritti fl-artikolu 50 għall-finijiet tal-awment tal-piena jiskattaw meta l-ewwel sentenza tkun giet skontata. Peress li s-sentenza ma tistax titqies skontata jekk il-multa ma tkunx ġiet mħallsa, jew konvertita fi priġunerija li tiġi skontata, allura fil-każ li ma jirriżultax li l-piena tal-multa tkun ġiet imħallsa l-awment fil-piena minħabba r-reċidiva ma japplikax ....*"

Ghaldaqstant, il-Qorti qed tqis lill-imputat bhala recidiv biss ai termini tal-Artikolu 49 tal-Kapitolu 9.

Tqis ukoll illi mix-xhieda tal-Ispettur Gabriel Micallef, jirrizulta illi fil-jum in kwistjoni, l-imputat instab fil-pussess ta' borza bi trab kannella li, bil-borza b'kollox kienet tizen 15.948 grammi, borza ohra bi trab kannella li bil-borza b'kollox kienet tizen 1.605 grammi (u ghalhekk b'kollox l-imputat kellu fil-pussess tieghu madwar 17.553 grammi trab kannella dejjem inkluzi l-boroz f'dan il-piz – ammont dan li fil-fehma tal-Qorti certament li m'huwiex wiehed negligibbli jew insinjifikanti) u borza ohra bi trab abjad li bil-borza kienet tizen 0.544 grammi, apparti oggetti ohrajn bhal mizien digitali. Fl-istqarrija rilaxxjata minnu, l-imputat jghid illi fil-lejl ta' qabel, huwa waqaf hdejn ic-cimiterju tal-Addolorata, fil-kumpanija ta' terza persuna, biex jiehdu d-droga eroina. Jghid illi t-tliet boroz u l-mizien huma tieghu u li kienu ghandu sabiex jiehu minnhom stante li ghandu vizzju qawwi tad-droga. Madankollu, jikkonferma illi kien qed ibiegh ukoll

minnhom u jippreciza li kien ibiegh biss l-eroina u dan sabiex biex imantni l-vizzju tieghu. Jghid illi ilu jiehu l-eroina tliet snin, li juza bejn tlieta u erba' grammi kuljum u li ilu jbieghha minn meta telaq mid-dar tat-tfajla. Dwar dan, izjed qabel, fl-istqarrija tieghu, jghid illi kien ilu jghix barra (mhux ghand it-tfajla) xi xahar.

Id-difiza ssottomettiet illi ghalkemm l-imputat ma kellux passat mill-isbah u huwa mahkum mill-vizzju tad-droga, huwa ghamel kambjament waqt li kien gewwa l-Facilita` Korrettiva ta' Kordin, liema kambjament huwa rifless fil-bidla ghall-ahjar fl-apparenza fizika tieghu matul dawn il-proceduri. Il-Qorti tinnota li dan huwa minnu fis-sens illi anke hi setghet tara din il-bidla fl-apparenza tal-imputat. Madankollu, tqis ukoll illi jehtieg li l-imputat juri motivazzjoni sabiex jirrijabilita ruhu mill-vizzju tad-droga mhux biss waqt li jkun detenut gewwa l-habs, izda meta jerga' jintegra ruhu fis-socjeta`.

Ghal fini ta' piena, in kwantu t-traffikar tad-droga eroina sehh fil-perjodu tax-xahar ta' qabel l-arrest tal-istess imputat, il-pussess aggravat tal-istess eroina fl-istess zmien, qed jigi meqjus bhala mezz ghal fini ai termini tad-disposizzjonijiet tal-Artikolu 17(h) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta. L-istess fir-rigward tal-pussess semplici tad-droga eroina, li ghar-rigward tal-istess perjodu, qed jigi meqjus bhala kompriz u involut fir-reat ta' pussess aggravat tal-istess droga. Stante li l-imputat kellu wkoll il-pussess aggravat tad-droga eroina dakinhar tas-6 ta' Frar 2017, il-Qorti qeghda tapplika d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 17(b) tal-Kap. 9 fir-rigward tal-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet u d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 17(f) tal-istess Kap. 9 fir-rigward tal-piena ta' multa tassattiva applikabbli ghall-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet u fir-rigward ukoll tal-piena ta' multa li qeghda tapplika fir-rigward tat-tielet, ir-raba' u l-hames imputazzjonijiet. In kwantu r-raba' imputazzjoni ossia il-pussess semplici tal-eroina, il-Qorti tqis illi t-tahrika tirreferi ghax-xhur ta' qabel is-6 ta' Frar 2017 u huwa ghal dan il-perjodu (eskluz ix-xahar ta' qabel is-6 ta' Frar 2017 u eskluz ukoll is-6 ta' Frar 2017) li l-Qorti ser timponi piena fir-rigward ta' din l-imputazzjoni.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet IV u VI, l-Artikoli 8(d), 22(1)(a), 22(2)(b)(i) u (ii) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-Regolamenti 4 u 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02 u l-Artikolu 49 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, qed issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u qed tikkundannah ghall-piena ta' tlieta u ghoxrin xahar (23) prigunerija effettiva – li minnhom ghandu jitnaqqas iz-zmien li l-hati ghamel taht

arrest preventiv in konnessjoni mar-reati li taghhom qed jinstab hati permezz ta' din is-sentenza – u piena ta' multa ta' elfejn u mitejn Euro (€2,200) li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kap. 9, jistghu jithallsu mill-hati b'rati mensili u konsekuttivi ta' hamsa u sittin Euro (€65), bl-ewwel pagament isir fi zmien xahar mil-lum. B'dan ukoll illi jekk il-hati jonqos milli jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija skont il-ligi.

Stante li ma gewx mahtura esperti f'dawn il-proceduri, qeghda tastejni milli tiehu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Tordna d-distruzzjoni tal-oggetti esebiti bhala Dokumenti GM2, GM3, GM4 u GM5, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat u dan taht u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi *proces-verbal* li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Fir-rigward tal-konfiska tal-vettura tal-ghamla Toyota RAV 4, bin-numru ta' registrazzjoni ACG 549, formalment esebita bhala Dokument GM9, stante li l-Qorti diga` pprovdiet dwar ir-rilaxx tal-istess vettura b'digriet moghti minnha llum stess, qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-talba tal-Prosekuzzjoni dwar il-konfiska tal-oggetti esebiti, in kwantu din it-talba tirreferi ghall-imsemmija vettura.

Tigbed l-attenzjoni tad-Direttur tal-Habs illi l-hati ghandu jinghata l-ghajnuna u l-kura kollha necessarja sabiex jirrijabilita ruhu mill-vizzju tad-droga. Tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbaghat lid-Direttur tal-Habs.

Natasha Galea Sciberras
Magistrat